# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 7 TA' SETTEMBRU, 2001

*Avviz. Nru 904/00 AJD*

AIL Limited

vs

Av. Dr. Renzo Porsella Flores nominat b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2000, Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Antoine Doussaud u b'nota tad-9 ta' Ottubru, 2001, Silvan Said ghan-nom u in rappresentanza ta' Fenici Insurance Brokers Limited assumew l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Anthony Doussaud, u Fabio Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz prezentat fis-27 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fis-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm161.00) rapprezentanti likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni (Dok. A) kagunati mill-konvenuti jew min minnhom lis-socjeta' attrici fil-bus bin-numru tar-registrazzjoni DBY 307, di proprieta' tas-socjeta' attrici, fil-kollizjoni li sehhet f'High Street, San Pawl il-Bahar, fit-22 ta' Ottubru, 1998, bejn l-imsemmi bus u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 505 misjuqa mill-assenti Antoine Doussaud u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KIA 016 misjuqa mill-konvenut l-iehor Fabio Caruana, liema kollizjoni sehhet b'tort esklussiv tal-konvenuti jew min minnhom bhalma jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-kollizjoni hawn fuq imsemmija u tikkundannhom jew min minnhom ihallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma mitluba ta' mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm161.00) rapprezentanti danni kagonati fil-bus di proprieta' tal-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmija kollizjoni.

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 26 ta' Gunju, 2000, kontra l-konvenuti.

Ra d-digriet tas-26 ta' Lulju, 2000, fejn l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Antoine Doussaud.

Ra d-digriet tat-22 ta' Awisuu, 2000, fejn intlaqghet it-talba ta' Fenici Insurance Brokers Limited li jassumu l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Antoine Doussaud u konsegwentement Dr. Renzo Porsella Flores gie mahrug mill-imsemmija kawza.

Ra n-nota prezentata fid-9 ta' Ottubru, 2001, fejn Silvan Said ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Fenici Insurance Brokers Limited assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Antoine Doussaud.

Ra r-risposta prezentata minn Fenici Insurance Brokers Limited fejn dawn eccepew is-segwenti:-

It-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm161.00, ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lil Antoine Doussaud, li kien qed isuq il-vettura proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' konvenuta, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffku da parti ta' Leo Grech, li kien qed isuq il-vettura proprjeta' tas-socjeta' attrici, u tal-konvenut l-iehor Fabio Caruana, jew min minnhom, kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li l-konvenut Fabio Caruana ghalkemm debitament notifikat ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Zammit, ta' Victor Falzon u ta' Leo Grech.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tal-25 ta' Lulju, 2001, fejn Dr. Rachel Montebello ghan-nom ta' Fenici Insurance Brokers Limited iddikjarat li m'ghandhiex provi stante li s-s-sewwieq tal-vettura assikurata maghha kien barrani.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Lulju, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-llum.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-22 ta' Ottubru, 1998, gewwa San Pawl il-Bahar.  Alfred Zammit kien qed isuq 'coach' bin-numru tar-registrazzjoni DBY 307, liema 'coach' huwa proprjeta' tas-socjeta' attrici,

il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 505 misjuqa mill-konvenut Antoine Doussaud u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KIA 016 misjuqa minn Fabio Caruana.

2. Illi Alfred Zammit xehed li huwa kien qed isuq il-'coach' hawn fuq imsemmija f'San Pawl il-Bahar, sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha. Meta qabez il-Knisja, u kien f'dik il-parti tat-triq li tidjieq, kien hemm karozza pparkjata u huwa kellu jieqaf wara din il-karozza sabiex ikunu jistghu jipprocedu vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. F'dan il-mument, huwa hass daqqa fuq wara tal-'coach'. Meta nizel mill-vettura tieghu sab il-vettura tal-konvenut Doussaud mahbuta fuq wara tal-'coach' u l-vettura misjuqa mill-konvenut Fabio Caruana mahbuta fil-vettura ta' Doussaud.

3. Alfred Zammit xehed li huwa daqqa wahda biss hass. Dan il-fatt jindika li habta wahda kien hemm fis-sens illi l-konvenut Fabio Caruana mbotta l-vettura tal-konvenut Doussaud fuq wara tal-'coach' misjuq minn Alffed Zammit.

4. Illi jirrizulta ghalhekk li l-konvenut Fabio Caruana huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-22 ta' Ottubru, 1998.

5. Illi d-danni reklamati mis-socjeta' attrici jammontaw ghal mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm161.00) u ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-'quantum' ta' dawn id-danni. Inoltre, s-socjeta' attrici esibiet l-ircevuti li jissostanzjaw it-talbiet taghha.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Fabio Caruana, jillibera lill-konvenut Antoine Doussaud mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-konvenut Fabio Caruana ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm161.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2000, jithallsu mill-konvenut Fabio Caruana skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR